**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem u kunjom:** ______________________________

**Klassi:** ________________ **TOTAL:** ____ / 100 **marka**

**1. Aqra l-kliem li hemm miktuba fil-kaxex taħt.**
**Agħżel il-kliem li jiddeskrivu 'l Alla u iktibhom fiċ-ċrieki.** **(12-il marka)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | missierna | kbir | | |
| ħanin | ħażin | mejjet | ~~għaref~~ | qawwi |
| ġust | anġlu | żgħir | perfett | kattiv |

**Eżempju: għaref**

**Issa ikteb tliet kwalitajiet oħra biex tiddeskrivi sewwa lil Alla fiċ-ċrieki taħt.**



**Agħżel waħda mill-kelmiet li ktibt f'wieħed miċ-ċrieki. Iktibha fiċ-ċirku taħt u kompli s-sentenza.**

**Alla tagħna huwa** ( ) **għax** ____________________________________

____________________________________________________________.

2. **Qabbel l-ismijiet tal-qaddisin miktubin f'kolonna A ma' dak li hemm miktub f'kolonna B billi tikteb numru fil-kaxex fin-nofs.** **(6 x marka = 6 marki)**



| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | **San Pietru** | | ma riedx li sħabu jiġġieldu. |
| 2 | Santa Teresa ta' Avila | | ġie maqtul għax xandar it-tagħlim ta' Ġesù. |
| 3 | San Pawlu Miki | | waqqaf is-soċjetà tal-Museum. |
| 4 | San Ġwann Marija Vianney, kappillan | **1** | **kien l-ewwel Papa.** |
| 5 | San Franġisk | | riedet tmut martri. |
| 6 | San Domenico Savio | | kien iħobb jitkellem ma' Alla. |
| 7 | Dun Ġorġ Preca l-Qaddis | | kien ifaħħar lil Alla meta jara l-għasafar u l-annimali. |

3. **Kompli dan it-talb kif jidhirlek l-aħjar.** **(4 x 3 marki = 12-il marka)**

**Eżempju:** **Itlob lill-Ispirtu s-Santu biex jagħtik il-qawwa biex tagħmel biss dak li hu tajjeb.**



*Spirtu s-Santu Alla, għinni biex* **naħrab il-ħażin u nagħmel it-tajjeb.**

a) **Itlob lill-Ispirtu s-Santu biex isaffik mid-dnub.**
*Spirtu s-Santu Alla, aħfirli ta' kemm-il darba* ______________________________

______________________________________________________________________.

b) **Itlob lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek tifhem xi jrid Alla minnek.**
*Spirtu s-Santu, agħtini d-dawl biex nagħraf xi jrid Alla minni meta* ___________

______________________________________________________________________.

ċ) **Itlob lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek kif għandek titlob lil Alla.**
*Spirtu s-Santu Alla, għinni biex fit-talb tiegħi* ______________________________

______________________________________________________________________.

d) **Itlob lill-Ispirtu s-Santu biex jagħmlek xhud veru ta' Ġesù.**
*Spirtu s-Santu Alla, għinni biex bħal Ġesù jien* ______________________________

______________________________________________________________________.

**4. Aqra, aħseb u wieġeb.** **(8 marki)**



Wara li l-bniedem waqa' fid-dnub, Alla wiegħed li kellu jibgħat lil Ibnu stess biex jifdina u jsalvana. Alla għażel Poplu li minnu kellu jitwieled is-Salvatur. Hu ried iħejji lil dan il-Poplu billi jwassallu l-kelma tiegħu. Ried jidħol fi ħbiberija ma' dan il-Poplu. Ried jurih kemm hu Qaddis u Qawwi. Meta dan il-Poplu kien ilsir fl-Eġittu, Alla ħelsu b'ħafna għeġubijiet. Wara mexxieh fid-deżert u wasslu fejn muntanja u hemm tah il-Liġi tiegħu.

**Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

a) Liema kien il-Poplu ta' Alla? (Ruman, Lhudi, Eġizzjan)

b) X'kien jismu s-salvatur li wiegħed Alla biex jeħles lill-bnedmin mid-dnub?
(Ġwanni l-Battista, Elija, Ġesù)

ċ) Min kien il-mexxej li Alla għenu joħroġ lill-Poplu mill-Eġittu? (Mosè, David, Sawl)

d) **Immarka (✓) fil-kaxxa biex turi liema minn dawn l-għeġubijiet Alla għamel biex ħeles lill-Poplu tiegħu.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Alla bagħat kolonna tan-nar biex il-Lhud jimxu warajha. | |
| 2. | Alla bagħat kastigi fuq l-Eġizzjani. | |
| 3. | Alla tahom ħafna flus. | |
| 4. | Alla feraq il-Baħar tal-Qasab. | |
| 5. | Alla tahom armata suldati biex jiġġieldu kontra l-Eġizzjani. | |



**(10 marki)**

e) **Ikteb l-ewwel kmandament.**

______________________________________________

f) **Kompli dawn is-sentenzi:**

1. Il-Kmandamenti huma l-boxxla ______________________________
2. Mosè rċieva l-kmandamenti ______________________________
3. *Ħares il-Ħdud u* ______________________________
4. *Agħti ġieħ* ______________________________

**5.** Meta dan il-Poplu daħal f'artu, Alla tah sultan. Alla għażel tfajjel minn Betlehem li kien jirgħa l-merħla. Dan it-tfajjel mill-ewwel wera kemm kien kuraġġuż meta s-suldati ta' artu kienu jiġġieldu ma' armata mmexxija minn suldat twil u qawwi qisu ġgant. Bħala sultan kien ħanin u qawwi. Kien iħobb jikteb u jdoqq poeżiji sbieħ ta' tifħir lil Alla. Alla wiegħdu li minn nislu kellu jitwieled sultan speċjali. **(12-il marka)**



**Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba biex turi jekk is-sentenzi hija VERU jew MHUX VERU.**

| | | VERU | MHUX VERU |
|---|---|---|---|
| **Eżempju:** | **It-tfajjel li minn ragħaj sar sultan kien jismu David.** | ✓ | |
| a) | David kien it-tifel il-kbir ta' Ġesse. | | |
| b) | Kristu dilek lil dan it-tfajjel bħala sultan. | | |
| ċ) | David rebaħ lill-ġgant bil-qawwa ta' Alla. | | |
| d) | Is-salmi huma *poeżiji sbieħ ta' tifħir lil Alla*. | | |
| e) | David ma użax it-talenti li tah Alla. | | |
| f) | David kien kuraġġuż ħafna. | | |

ġ) Ikteb **tliet sentenzi** biex turi kif dan it-tfajjel minn ragħaj sar sultan.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**6.** Wara ħafna snin, il-Poplu ma baqax miexi fit-triq it-tajba. Għalhekk Alla bagħat lill-profeti. Dawn kellmu lill-poplu u wissewh biex jibdel triqtu. Wieħed mill-profeti qabbilhom ma' għalqa dwieli b'għeneb qares. Huma qalulu li Alla kien se jibagħtilhom mexxej li jsalvahom mill-ħażen. Wieħed mill-profeti tkellem fuq l-Ispirtu li Alla kien se jibagħtilhom biex jagħtihom ruħ ġdida u qalb ġdida.



**(8 marki)**

**Aqta' sing taħt it-tweġibiet it-tajba.**

a) Liema minn dawn kien profeta? (Aronne, San Stiefnu, Isaija, Pietru)

b) X'kien ix-xogħol ta' profeta?

Imexxi armata.

Jieħu ħsieb it-tempju.

Iwassal il-kelma t'Alla.

ċ) Għaliex il-profeta qabbel lill-poplu Lhudi ma' *għalqa dwieli b'għeneb qares*?

għax ma ħawlux dwieli tajbin

għax l-għemil tagħhom ma kienx jogħġob lil Alla

għax ma kinux bdiewa tajbin

d) Min kellu jkun il-mexxej li kellu jsalvahom mill-ħażen?

l-Iben t'Alla

is-sultan Sawl

Ġulju Ċesare

e) X'ried ifisser il-profeta meta wegħedhom *ruħ ġdida u qalb ġdida*?

li jerġgħu jitwieldu mill-ġdid

li jinħelsu mill-jasar tad-dnub

li jmorru jqerru

f) **Kompli din is-sentenza** biex turi li taf x'kien il-messaġġ tal-Profeti.

*Meta intom tgħixu fid-dnub, tkunu* ______________________________

**7.** Meta l-anġlu deher lil Marija u talabha tkun omm Alla, urieha li f'Binha Ġesù kellu jseħħ dak li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti li ġew qabel. Mhux biss, imma Ġesù kellu jkun ferm aqwa minn kollha kemm huma għax l-Ispirtu s-Santu kien miegħu. Marija emmnet kulma qal l-anġlu u aċċettat. B'hekk hi saret omm Alla u l-aqwa eżempju għall-insara. **(16-il marka)**

a) Għaliex lil Ġesù nsejħulu **Bin David**? ______________________________

b) Kompli din is-sentenza li biha Marija aċċettat li ssir omm Alla: "*Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej,* ______________________________".

ċ) Bil-qawwa ta' min Marija setgħet issir omm Alla? ______________________________

______________________________.

**Kompli dawn is-sentenzi**:

d) Bħalma Mosè ħeles lill-Poplu ta' Alla mill-jasar ta' l-Eġittu, hekk Ġesù ħeles lill-bnedmin

______________________________.

e) Bħalma David ġab il-paċi fost il-Poplu ta' Alla, hekk Ġesù ġabar 'il-bnedmin kollha

______________________________.

f) Marija hi l-aqwa eżempju għall-insara. Kif tista' int tagħmel bħal Marija?

______________________________.

ġ) **Kompli din it-talba** li fiha nsejħu lil Marija bħala Omm Alla.

*Qaddisa Marija Omm Alla*, ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________



8. a) **Ikteb l-isem ta' kull ġrajja li qed tara fl-istampi.** **(16-il marka)**



i.) ______________________________

______________________________



ii.) ______________________________

______________________________

b) **Ikteb ERBA' sentenzi fuq WAĦDA minn dawn il-ġrajjiet.**

**1.** ______________________________

______________________________

**2.** ______________________________

______________________________

**3.** ______________________________

______________________________

**4.** ______________________________

______________________________

**TMIEM**